**20 ta' Jannar, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Martin J. Camilleri

**Ammissjoni**

*Fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax ħlief tgħaddi għall-kundanna tiegħu ammenokke' ma jirriżultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tiegħu li jammetti li hu ħati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setgħetx skond il-liġi tikkundannah, ċjoe' ssibu ħati ta' reat.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Martin John Camilleri talli fid-19 ta' Diċembru, 1993 għall-ħabta tal-5.30 p.m. fi Triq is-Salini, Baħar iċ-Ċagħaq, għamel użu minn vettura numru D-9392 (1) b'manjiera traskurata (2) u perikoluża u (3) qasam il-linji doppji

bojod kontinwi; il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Camilleri jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għall-perijodu ta' tliet xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-2 ta' Awissu, 1994 li biha, fuq ammissjoni ta' l-imputat, sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet, ikkundannatu multa ta' tletin lira (Lm30) u ordnat is-sospensjoni tal-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għall-perijodu ta' tliet xhur;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Martin John Camilleri, minnu pprezentat fit-12 ta' Awissu, 1994, li bih talab ir-revoka tas-sentenza hawn aktar 'l fuq imsemmija u l-konsegwenti liberazzjoni tiegħu minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi limitatament għall-kwistjoni dwar x'ġara fis-seduta tat-2 ta' Awissu, 1994; semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet; ikkunsidrat:

Illi dan huwa provvediment limitat għall-kwistjoni tar-regolarita` o meno ta' l-ammissjoni għall-imputazzjonijiet li, skond il-verbal ta' l-udjenza quddiem il-Qorti Inferjuri tat-2 ta' Awissu, 1994, saret mill-imputat. Infatti parti sew mir-rikors ta' l-appell tikkonċerna l-ilment ta' l-appellant li hu meta ammetta għamel hekk bi żball. In sostanza l-appellant jikkontendi li peress li xi ġimgħat qabel it-2 ta' Awissu, 1994, hu kien irċeva ċitazzjoni għal parkeġġjar f'post ipprojbit, meta hu ġie ordnat sabiex *jitla' l-Qorti fl-imsemmija* data hu ħaseb li kien ġie mħarrek dwar din l-akkuża ta' parkeġġjar f'post ipprojbit. Jidher li fis-seduta hekk imsejħa "tat-traffiku" quddiem l-ewwel Qorti il-prassi hi li l-ewwel jissejħu dawk iċ-ċitazzjonijiet li fihom l-imputat ikun indika li bi ħsiebu jammetti.

Kemm mix-xhieda ta' l-appellant kif ukoll mix-xhieda ta' l-Ispettur Charles Mifsud jirriżulta li hekk ġara fis-seduta tat-2 ta' Awissu, 1994; l-ewwel issejħu dawk li kienu ser jammettu u għalhekk l-appellant, allura imputat, peress li ħaseb li kien ser jammetti għall-akkuża ta' parkeġġjar f'post ipprojbit, identifika ruħu ma' l-uffiċjal tal-pulizija inkarigat u daħal fl-awla. Mill-provi mismugħa din il-Qorti hi sodisfatta li kien biss meta l-uffiċjal prosekutur beda' jaqra l-imputazzjoni u l-appellant sema' l-kelma "Salini" li rrealizza li l-akkuża kienet xi waħda oħra u mhux l-akkuża ta' parkeġġjar f'post ipprojbit. L-appellant xehed li dak il-ħin huwa tfixkel u peress li ma kellux avukat - fil-fatt ma kienx inkariga avukat proprju għax minn għalih li sejjer il-Qorti fuq akkuża ta' parkeġġjar f'post ipprojbit - baqa' ssummat u ma qal xejn lill-uffiċjal prosekutur jew lill-Qorti bir-riżultat li dik il-Qorti għaddiet għas-sentenza;

Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba ħatja din il-Qorti (jew aħjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja) diġa' kellha l-opportunita' li tippronunzja ruħha fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* George Cassar Desain** (Kollez. Deċiż. XLVI.IV.991). F'dik is-sentenza ġie ritenut, mill-kompjant Imħallef William Harding, fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza kemm Ingliża kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax ħlief tgħaddi għall-kundanna tiegħu ammenokke' ma jirriżultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tiegħu li jammetti li hu ħati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setgħetx skond il-liġi, tikkundannah, ċjoe' ssibu ħati ta' reat. Aktar reċentement, fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament ippresjeduta) tat-28 ta' April, 1993 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Joseph Mohnani**, fejn il-kwistjoni kienet

simili għal dik odjerna, intqal li "din il-Qorti ma tistax tħares b'leġġerezza għall-verbali ta' Qorti oħra fis-sens illi dawn għandhom jagħmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu *prima facie* sakemm ma jirriżultax evidenti li tniżżel xi ħaġa bi żball". Dan qed jingħad biex ħadd ma *jifforma* l-idea żbaljata li wieħed jista' l-ewwel jammetti quddiem il-Qorti Inferjuri u wara, fuq ripensament, jappella billi jallega li hu ammetta bi żball jew li ma kienx jaf għal x'hiex qed jammetti. Fil-każ odjern, iżda, din il-Qorti hi sodisfatta li l-ammissjoni ta' l-appellant kienet verament *il-frott ta' żball* ġenwin da parti tiegħu fis-sens li qatt ma kellu l-intenzjoni jammetti għal dik l-akkuża u appena rrealizza x'kienet verament l-akkuża li qed tinqara nfixel u baqa' sieket;

F'dawn iċ-ċirkostanzi pero`, din il-Qorti, kif ippresjeduta, ma tarax li għandha ssegwi l-proċedura addottata fil-każ **Il-Pulizija *vs* Joseph Mohnani**, ġa` ċċitat, ossia li tirrevoka s-sentenza appellata bbażata fuq l-ammissjoni u tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti sabiex din tisma' l-każ u tiddeċidih skond il-liġi, u dan peress li l-appell jibqa' sostanzjalment wieħed fuq il-meritu u għalhekk japplika s-subartikolu (6) ta' l-artikolu 428 tal-Kodiċi *Kriminali*;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tordna l-prosegwiment ta' l-appell fuq il-meritu daqslikieku ma kienx hemm ammissjoni, b'dan li għas-seduta li jmiss kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll l-appellant ikunu jistgħu jressqu dawk il-provi kollha li talvolta setgħu, skond il-liġi, jressqu quddiem l-ewwel Qorti.